



Brussell, 16 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0068 (NLE)

---

---

8474/25  
ADD 1

MAR 69

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	7874/2/25 REV 2 COM(2025) 132 final; COM(2025) 132 annex; COM(2025) 132 annex
Suġġett:	Annessi għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port matul il-perjodu 2025-2029

---

**Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

**PRINCĪPI GWIDA**

Fil-qafas tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (MtQ ta' Pariġi), l-Istati Membri li huma marbuta mill-MtQ ta' Pariġi għandhom, f'isem l-Unjoni:

- (a) jaġixxu f'konformità mal-oġġettivi skont id-Direttiva 2009/16/KE, b'mod partikolari t-titjib tas-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord, bi tnaqqis drastiku fl-għadd ta' bastimenti substandard b'applikazzjoni stretta tal-Konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali;
- (b) jipromwovu l-implimentazzjoni ta' approċċ armonizzat mill-membri tal-MtQ ta' Pariġi għall-infurzar effettiv ta' dawn l-istandards internazzjonali fir-rigward tal-bastimenti li jbaħħru fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u li jużaw il-portijiet tagħhom;
- (c) jaħdmu flimkien fi ħdan l-MtQ ta' Pariġi biex jiksbu sistema ta' spezzjoni komprensiva u t-tqassim ekwu tal-piż tal-ispezzjoni, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' impenn ta' spezzjoni annwali mħejjija f'konformità mal-metodoloġija maqbula stipulata fl-Anness 11 tal-MtQ ta' Pariġi;
- (d) jiżguraw li l-miżuri adottati fi ħdan l-MtQ ta' Pariġi jkunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari mal-Konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali dwar is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord;
- (e) jipromwovu l-iżvilupp ta' approċċi komuni ma' korpi oħra li jwettqu Kontrolli tal-Istat tal-Port;
- (f) jiżguraw il-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-ambitu tar-relazzjonijiet esterni, tas-sigurtà u tal-ambjent.

## ORJENTAZZJONIJIET

Biex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel minn sena għal sena tar-reġim tal-Unjoni tal-kontroll tal-Istat tal-Port f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE, l-Istati Membri li huma marbuta mill-MtQ ta' Pariġi għandhom jagħmlu hilitom biex jappoġġaw l-azzjonijiet li ġejjin mill-MtQ ta' Pariġi:

1. L-adjozzjoni tal-elementi li ġejjin tal-profil tar-riskju tal-bastimenti użat biex jiġu mmirati l-bastimenti għall-ispezzjoni:

- (a) il-listi tal-bnadar bojod, griżi u suwed f'konformità mal-formola żviluppata mill-MtQ ta' Pariġi u stipulata fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2024/3099 li temenda d-Direttiva 2009/16/KE, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni biex jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 801/2010 li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kunsiderazzjoni tal-parametri ġeneriċi tar-riskju. Dan it-test ta' sostituzzjoni ser jirrifletti d-deċiżjonijiet li diġà ttieħdu, fil-prinċipju, mill-MtQ ta' Pariġi fl-2019 biex tinbidel il-metodoloġija għall-kalkolu tal-formula tal-lista ta' bnadar bojod, griżi u suwed u biex dawn il-listi jibdew jissejħu "listi ta' prestazzjoni għolja, medja u baxxa". Il-Kummissjoni hija mistennija tadotta dak ir-regolament ta' implimentazzjoni fl-2027;
- (b) il-lista tal-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti f'konformità mal-metodoloġija adottata mill-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") fil-PSCC 37 f'Mejju 2004 (il-punt 4.5.2 tal-aġenda);
- (c) il-proporzjon medju tan-nuqqasijiet u tad-detenzjonijiet għall-formula tal-prestazzjoni tal-kumpanija abbażi tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplimenta l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji ta' Stat tal-bandiera (ĠU L 241, 14.9.2010, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplimenta l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kumpaniji (ĠU L 241, 14.9.2010, p. 4).

2. L-adozzjoni tal-bidliet jew aġġornamenti fil-proċeduri u l-linji gwida tal-MtQ ta' Pariġi , li jkollhom effetti legali, ikunu konsistenti mal-oġġettivi skont id-Direttiva 2009/16/KE, b'mod partikolari t-titjib tas-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord.

---

**Speċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

Qabel kull laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tkun tqis l-informazzjoni kollha rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni u kull dokument li jrid jiġi diskuss fil-laqgħa dwar suġġetti li huma fil-kompetenza tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji gwida u l-orjentazzjonijiet stipulati fl-Anness I.

Għaldaqstant u abbażi ta' tali informazzjoni u dokumenti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill, għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni, dokument preparatorju li jistipula d-dettalji tal-pożizzjoni prevista li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa tal-PSCC.

---